MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru. 190/2008

**PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
KARLA DARMANIN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Karla Darmanin ta' 21 sena, bint Alexander Darmanin u Alexandra nee' Calleja, imwielda Pieta' fil-21 ta' Lulju 1986, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0332486(M) u residenti numru 8, 'St. Jude' Triq Herakles Birzebbugia.

Illi hija akkuzata talli fl-1 ta' Gunju 2007 ghal habta ta' 19.20hrs fi Triq Tal-Barrani gewwa z-Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kienet qed issuq il-vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni FBL 813 ikkagunat offizi ta'

natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta’ Ilona Cauchi minn Haz-Zebbug skond kif iccertifikat Dr.N. Sciberras MD (5046) ta’ MDH.

Illi hija akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi kkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Zachary Sultana minn Santa Lucija kif iccertifikat Dr. Debbie Formosa St. John MD ta’ MDH.

Illi hija akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi kkagunat feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Luke Sultana minn Santa Lucija kif iccertifika Dr. Andrew Spina ta’ MDH.

F’kaz ta’ htija, il-prosekuzzjoni titlob li barra mill-piena stabbilita mil-Ligi, l-istess Karla Darmanin tigi skwalifikata mil-licenzja tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avkat Generali (fol.5) u dak ta’ l-imputata (a fol.7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius, jirrizulta illi fl-1 ta’ Gunju 2007, fis-sebgha u nofs ta’ filghaxija, kien gie nfurmat minn PS 1004 Christopher Abela, illi kien sehh incident awtomobilistiku fit-Triq tal-Barrani, li kien hemm persuna fil-perikolu tal-mewt u ssejhet Inkjesta Magisterjali. L-Ispettur Aguis xhed li filfatt

pero' **qatt ma kien hemm persuna fil-perikolu tal-mewt** f'dan l-incident.

L-imputata Darmanin kienet qed issuq il-karozza FBL 813 u din stqarret illi kienet hargitilha karozza minn *parking area* minn naha tax-xellug taghha, ipprovat tevitaha u dahlet go *bollard* illi kien hemm fil-*petrol station* fil-vicin, liema *bollard* kienet inkatenata ma' *bollard* ohra. Il-karozza garbet diversi hsarat. F'dan l-incident wegghu Zachary Sultana, Ilona Cachia, Luke Sultana u l-istess Karla Darmanin.

L-Ufficjal Prosekutur xehed illi huwa prova jeleva l-filmat mis-CCTV camera ta' l-istess *petrol station* izda l-camera ma kinitx iffokata fuq fejn sar l-incident. L-Ufficjal Prosekutur pprova jiltracca l-vettura bajda, li, skond l-imputata, kienet harget minn gol-*parking area*, izda bla ebda success. Ic-certifikat medici ta' Zachary Sultana gie ezebit bhala Dok.JA1, dak ta' Ilona Cachia gie ezebit u mmarkat bhala Dok.JA2 (a fol.12), dak ta' Luke Sultana jinstghab ezebit bhala Dok.JA3 u c-certifikat mediku ta' l-imputata gie ezebit bhala Dok.JA4 u Dok.JA5. Ic-certifikati ta' Zachary Sultana u ta' Ilona Cauchi kienu *grevious,* waqt li ta' l-ohrajn kienu *slight save complications*.

PS 1004 Christopher Abela (a fol.19) ikkonferma l-incident stradali illi sehh fil-gurnata ndikata fl-avviz u li kien hemm erba' (4) zghazagh midruba. Huwa kkonferma illi kellu informazzjoni minn certu Dr. Formosa illi l-passiggieri kienu *in danger of loss of life* u nfethet Inkjesta Magisterjali. Ps Abela xehed illi l-imputata, **b'mod immedjat**, infurmatu illi waqt illi kienet gejjha fit-Triq tal-Barrani, sejra lejn iz-Zejtun, minn go fetha illi taghti go l-istess triq, minn naha tax-xellug tat-triq, mill-*petrol station* ta' Polidano, harget karozza bajda u b'hekk hija tilfet il-kontroll. L-imputata ma setghetx tindika n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura. PS Abela ezebixxa d-Dok.PS, okkorrenza (a fol.21)

Dr. Allan Drago, ipprezenta affidavit dwar il-griehi ta' Karla Darmanin u kkonferma illi kienu griehi ta' natura hafifa.

Robert Bugeja ezebixxa l-process verbal.

Dr. Mark Anthony Attard (a fol.32), ghas-Superintendent ta’ l-Isptar, ikkonferma illi mill-passiggieri nvoluti f’dan l-incident, Luke Sultana kien *discharged* dakinhar stess ta’ l-incident.
Luke Sultana, ikkonferma illi dakinhar ta’ l-incident, hu u shabu kienu sejrin *barbeque* u li waqt illi l-imputata kienet qeghedha ssuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq, harget vettura pick-up trakk bajda, mill-apertura tal-*Pharmamed*. Luke Sultana xehed illi biex tevitah, l-imputata qalbet ghal *lane* l-ohra u tilfet il-kontroll tal-karozza, li bdiet taghqad u ddur sakemm baqghet diehla fil-*bollard*. Sultana xehed illi l-*pick-up* trakk hareg bi *speed* qawwi hafna u baqa ghaddej minkejja l-*accident* illi kkawza. Luke Sultana ma kien qed jippretendi xejn mill-imputata u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra taghha. Huwa kkonferma illi l-karozza ta’ Karla **Darmanin ma habtitx ma’ dan il-*pick-up* trakk f’ebda hin.**

Dan il-*pick-up* trakk li kien abjad u bil-kaxxa wara, hareg b’speed qawwi minghajr ebda sinjal u f’ebda hin ma waqaf. Minhabba l-hrug allarieda ta’ dan it-trakk, il-karozza tal-imputat “daret u habtet mal-*bollard* bil-parti ta’ wara tan-naha tax-xellug”. Huwa kkonferma r-ritratti CP 1 sa CP10.

A fol 39 Luke Sultana kkonferma li hu ma kien qed jippretendi ebda tip ta’ kumpens da parti tal-imputata.

Ilona Cauchi a fol 44 xhedet illi hija u shabha kienu gejjin mis-*supermarket* sejrin id-dar lejn Rahal Gdid. Huma kienu telghin mit-Triq tal-Barrani. Cauchi xhedet illi l-unika haga li tiftakar **“xeba ghajjat, il-karozza ddur, u daqshekk niftakar”.** Cauchi xhedet illi hija kienet rikba fil-*passenger seat* ta’ wara, illi bhala konsegwenza tal-impatt sofriet tifrik tas-snienha, fratturi ta’ erba’ kustilji, kellha idejha miksura u minhabba illi l-milsa kienet iccartet, Cauchi kellha tigi operatha fl-liema operazzjoni, nehhewlha l-milsa kompletament. Cauchi xhedet illi hija trid tibqa’ tiehu l-medicina u injezzjonijiet ghal ghomorha. Cauchi xhedet illi hija tiftakar illi semghat lil imputata

twerzaq ara xhieda a fol 48. A fol 50 Ilona xhedet illi l-imputata kienet ghaddejha b'speed regolari. Ilona Cauchi a fol 51 xhedet illi ma kien hemm xejn fil-mod li kienet qeda ssuq l-imputata li lilha hasbitha b'xi mod.
A fol 54 Zacchary Sultana xhed illi dak in-nhar huma kienu ser jorganizzaw *barbeque* u hu, l-imputata u shabu (cioe' Luke u Ilona) marru jixrtu. Ghar-rigward ta' kif gara l-incident, Sultana jghid li ma jiftakar xejn. Huwa stqarr li ma sofra ebda griehi. Sultana xhed illi dak iz-zmien l-imputata kienet l-gharusa ta' huh Luke. Sultana xhed illi huwa ma kienx jaf isuq u ma setghex jghid kif gara l-incident. Zacchary stqarr illi skondtu, l-imputata kienet qed issuq b'mod normali. Huwa jghid li mbaghad graw "xeba affarijiet f'daqqa". Sultana xhed li l-karozza bdiet iddur bhal zugraga, jiftakar li sema' hafna ghajjat u li kien qabad mal-gharusa tieghu biex jipprova jipprotegiha. Wara dan, l-unika haga li jiftakar hi, li qam f'sodda tal-isptar. A fol 58 Zacchary Sultana kkonferma x-xhieda fl-inkjesta li hu ma kien qed jippretendi xejn minghand l-imputata.

Stephan Cachia a fol 62 rapprezentant tal-*Licensing Office* ikkonferma ili l-Fiat Punto FBL 813 kienet propjeta' ta' Omar Coppini, izda Carla Darmanin kienet assigurata ukoll.

Dr Elaine Pace a fol 65 ikkonfermat il-griehi illi garbet Ilona Cauchi u cioe' fratturi tat-tielet, ir-raba' u l-hames kustilja tax-xellug; frattura tal-radius tan-naha tal-lemin; lacerazzjoni tal-milsa li waslet ghal tnehhija ta' dan l-organu permezz tal-kirulgija u emorogija interna. Ikkonfermat l-identita' tal-pazjenta Ilona Cauchi a fol 66. Dr Pace xhedet illi meta pazjent jitlef il-minsa jkun suggett ghal kumplament ta' hajtu, ghal infezzjonijiet minn batterja il ghaliex il-minsa hija l-mekkanizmu li tipprotegi l-immunita tal-bniedem kontra certu tipi ta' infezzjonijiet minn batterja. Hi kklasifikat il-griehi ta' Ilona Cauchi bhala gravi (ara a fol 67).

Karla Darmanin a fol 71 xhedet illi dak in-nhar tal-incident hija kienet qed issuq il-karozza FBL 813 ma' tlett passigieri ohra, cioe' l-gharus taghha Luke Sultana, huh Zacchary Sultana u l-gharusa tieghu Ilona Cauchi. Hija

kienet qed issuq fuq l-*inner lane* fit-Triq tal-Barrani sejrin lejn Marsaxlokk. Xhedet illi kienet qed issuq ghal affair taghha meta rat pick-up trakk wieqaf fid-dahla tal-Pharmamed. Meta ratu kienet 'il boghod minnu tul ta' xi hames karozzi
"X'hin nasal vicin tieghu, dan hareg sparat, ostakolali t-triq u biex nevitah, dawwart fuq l-outer lane u biex nevita li nidhol fic-central strip, ergajt dawwart il-gewwa." (ara xhieda a fol 72) Minn hemmhekk il-karozza bdiet iddur u taqghad. Waqt illi kienet qeda ddur bla control, il-karozza dahlet go *bollards*, u l-pick up trakk harab minn fuq il-post. L-imputata spjegat illi hija sofriet minn *whiplash* waqt li Zacchary u Ilona ttiehdu l-isptar b'ambulanza.

In kontro ezami xhedet illi hija ma ghaddietx in-numru tar-registrazzjoni tal-*pick-up* izda tat l-partikularitajiet li ftakret lill-pulizija. L-imputata xhedet illi hija kienet ghaddejha b'speed normali u li ma kien hemm xejn li tellef l-attenzjoni taghha.

Ikkonsidrat:

L-imputata giet mixlijha b'sewqan traskurat u b'naqqas ta' hila u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, b'offizi involontarji ta' natura gravi fuq Ilona Cauchi u Zacchery Sultana u b'offizi involontarji ta' natura hafifa fuq Luke Sultana u dana ai termini ta' Artikoli 225, 226 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**225. Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, nmeta jinsab hati il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira.**

**226. (1) Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel-**
**(a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta'**

**priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn elfejn lira;**
**(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elf lira;**
**(c) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.**
**(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq il-kwerela tal-parti offiża.**

Illi din il-Qorti tibda biex teżamina l-ġrieħi sofferti mill-passiġġieri f'dan il-każ. Għaldaqstant hija rat u eżaminat iċ-ċertifikati mediċi ta' Ilona Cauchi kif ikkonfermati minn Dr Elaine Pace li tat rakkont vividu u preċiż tal-ġrieħi gravi perdurati ta' Cauchi, konsistenti fi frattura ta' tlett kustilji u frattura ta' id il-leminija tal-istess. Illi di piu tat rapport dettaljat ta' l-emoroġija nterna ta' Cauchi, l-iskoperta tat-tiċrit tal-milsa bil-konsegwenti intervent kiruġiku illi wassal għat-tneħħija ta' dan l-organu tant meħtieġ għal potenza tal-ġisem uman li jikkumbatti infezzjonijiet mill-batterja. Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi l-ġrieħi ta' Cauchi jikkwadraw fil-perametri tal-Artikoli 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti pero' trid teżamina kemm -il darba dawn il-ġrieħi ġew ikkaġunati minn sewqan traskurat jew b'nuqqas ta' ħila jew bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew addirittura bi trasguragni grossulan jew *recklessness* li jwassal għal sewqan perikoluż.

Illi mill-assjem tal-provi fuq prodotti jirriżulta b'mod ċar illi l-imputata Darmanin kient qed issuq fl-*inner lane* fi Triq il-Barrani flimkien ma' tlett persuni oħra u li kienet qed issuq b'speed normali. Ħadd mill-passiġġier ma allega illi Darmanin kienet qed issuq b'mod straxnat jew b'speed aċċessiv jew b'nuqqas ta' attenzjoni. Ħadd mill-passiġġieri, **anki dawk l-aktar midruba serjament,** ma allega illi huma u l-imputata kienu mgħaġġla jew kellhom jaslu f'xi destinazzjoni, f'xi ħin preċiż anzi għal kuntlarju jidher li l-

incident sehh fis-7.20pm hin, li huwa **kkonsidrat kmieni** ghal *barbeque* taz-zghazagh tal-lum.

Ix-xhieda principali f'dan il-process jindikaw illi l-incident sehh minhabba l-agir irresponsabbli tas-sewwieq tal-pick-up trakk bajda illi hareg al improviso mid-dahla tal-pharmamed, b'speed eccessiv, ostakola l-karregjata illi fuqha kienet qed issuq l-imputata u kkrea dak li tissejah ***sudden emergency***. L-Imputata per forza kellha tiehu *evasive action* billi kisret bis-sahha fuq il-karregajta ta' barra u regghet kisret b'mod kontraju ghaliex kienet se taqbad ic-*central strip.* Kien hawn illi tilfet il-kontroll tal-karozza taghha li bdiet iddur u taqghad sakemm habtet ma *bollard* li kienet fuq l-*inner lane.*

Dan ix-xenarju mhuwiex wiehed illi jirravizza fis-sewqan tal-imputata, dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan ta' natura traskurat jew aghar, dak perikoluz.
*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Aldo Muscat**" [27.5.2004], jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo*** *[14.3.1959];* ***Pul. vs. Wilson****, Vol.XXXIX p.1018 u* ***Pul. vs Alfred Vella****, Vol.XLIV; p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, [19.10.1963]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *XXXIX p.1018). "Recklessness" gie defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App.Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri****, Vol.XLIV, p.892).*

Illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova, lilhinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi Karla Darmanin naqset fil-prudenza ordinarja li adoperat fil-manjiera illi biha kienet qed issuq. **Il-Qorti hi tal-fehma illi d-dinamika ta' kif hareg il-*pick-up* trakk kienet isarraf f'impatt gravi**

**minn kwalunkwe sewwieq ordinarju, forsi b'eccezzjoni ta' professional racing driver.**

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------